

32005R2028

14.12.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 327/7

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2028/2005

### tat-13 ta' Diċembru 2005

**li jiftaħ għas-sena 2006 kwota tariffarja applikabbli għall-importazzjoni fil-Komunità Ewropea ta' xi oġġetti li jorġinaw min-Norveġja li ġejjin mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 tas-6 ta' Diċembru 1993 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għall-ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/859/KE tal-25 ta' Ottubru 2004 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-Protokoll 2 tal-Ftehim Bilaterali dwar il-Kummerċ Ħieles bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 2 tal-Ftehim Bilaterali dwar il-Kummerċ Ħieles bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja (³), minn naħa, u l-Protokoll 3 tal-Ftehim ŻEE (⁴), jiddeterminaw l-arranġamenti tan-negożju għal-ċertu prodotti agrikoli u agrikoli proċċessati bejn il-Partij Kontraenti.

(2) Prototkoll 3 tal-Ftehim ŻEE, kif emendat mid-Deċiżjoni 138/2004 tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (⁵), jipprovdi għal-dazju ta' rata zero li huwa applikabbli għal-ċerti tipi ta' ilma li fihom miżjud iz-zokkor jew materjal ieħor tal-ħlewwa jew tat-togħma, ikklassifikati taħt il-kodiċi NM 2202 10 00 u ċerti xarbiex oħra mingħajr l-alkoħol li fihom iz-zokkor, ikklassifikati taħt il-kodiċi NM 2202 90 10.

(3) Id-dazju ta' rata zero fuq it-tipi ta' ilma u x-xarbiex ikkonċernati ġie sospiż temporanġament għan-Norveġja mill-Ftehim f'Forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità

(¹) ĠU L 318, ta' l-20.12.1993, p. 18. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2580/2000 (ĠU L 298, tal-25.11.2000, p. 5).

(²) ĠU L 370, tas-17.12.2004, p. 70.

(³) ĠU L 171, tas-27.6.1973, p. 1.

(⁴) ĠU L 22, ta' l-24.1.2002, p. 37.

(⁵) ĠU L 342, tat-18.11.2004, p. 30.

Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar Protokoll 2 tal-Ftehim Bilaterali dwar il-Kummerċ Ħieles bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja (⁶), minn hawn il-quddiem "il-Ftehim", approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/859/KE. Skond il-punt IV tal-Minuti Maqbula tal-Ftehim, importazzjonijiet eżenti mid-dazju ta' prodotti tal-kodiċi NM 2202 10 00 u ex 2202 90 10 li jorġinaw fin-Norveġja għandhom jiġu permessi biss fil-limiti ta' kwota ta-eżenzjoni mid-dazju, filwaqt li għandu jitħallas id-dazju fuq importazzjonijiet lil hinn mill-allokazzjoni tal-kwota.

(4) Jeħtieġ li tinfetaħ il-kwota tariffarja għas-sena 2006 għax-xarbiex mingħajr alkoħol ikkonċernati. Skond statistika pprovduta mill-Kummissjoni, il-kwota annwali għas-sena 2005 li nfetħet mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2185/2004 (⁷) għall-prodotti kkonċernati ġiet eż-awra fil-31 ta' Ottubru 2005. Skond Punt IV tal-Minuti Maqbula tal-Ftehim il-kwota tariffarja għas-sena 2006 għad-daqstant għandu jiżid b'10 %.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjoni jiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (⁸), jiffissa r-regoli tal-ġestjoni tal-kwoti tariffarji. Huwa xieraq li jiġi pprovdut li l-kwota tariffarja miftuħa minn dan ir-Regolament għandha titmexxa skond dawk ir-regoli.

(6) Biex tiġi żgurata l-ġestjoni tajba tal-kwota tariffarja fl-interess ta' l-operaturi, il-benefiċċju ta' l-eżonneru mid-dazji fi ħdan il-kwota għandu temporanġament isir bil-kundizzjoni li jitressaq lill-awtoritajiet doganali tal-Komunità ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet Norveġiji.

(7) Il-miżuri li dwarhom jipprovdni dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Tmexxija għall-kwistjonijiet orizzontali dwar il-kummerċ ta' prodotti proċċessati li mhumiex imniżżla fl-Anness I,

(⁶) ĠU L 370, tas-17.12.2004, p. 72.

(⁷) ĠU L 373, tal-21.12.2004, p. 10.

(⁸) ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 883/2005 (ĠU L 148 tal-11.6.2005, p. 5).

## ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2006, il-kwota tarif-farja tal-Komunità mniżżla fl-Anness I hija miftuħa għall-oġġetti li jorġinaw min-Norveġja li huma elenkti f'dak l-Anness, taħt il-kundizzjonijiet speċifikati fih.

2. Ir-regoli ta' l-oriġini applikabbli reċiprokament għall-prodotti elenkti fl-Anness I għandhom ikunu kif stipulat fi Protokoll 3 tal-Ftehim bilaterali dwar il-Kummerċ Ħieles bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja

3. Il-benefiċċju mill-eżonru mid-dazji fi ħdan il-kwota stipulata fl-Anness I għandu jsir bil-kundizzjoni li jitressaq lill-awtoritajiet doganali Komunitarji iċ-ċertifikat li l-formola tiegħu tingħata fl-Anness II, kif maħruġ lill-esportaturi mill-awtoritajiet Norveġiżi fwaħda mill-lingwi tal-Komunità.

4. Għal kwantitat jiet li jiġu importati 'l fuq mill-kwota jew li għalihom ma jiġix ippreżentat iċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 3, għandu japplika dazju ta' € 0.047/litru.

*Artikolu 2*

Il-kwota tariffarja tal-Komunità msemmija fl-Artikolu 1(1) għandha tīgħi ġestita mill-Kummissjoni f'konformità ma' l-Artikoli 308a, 308b u 308c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu jkun applikabbli mill-1 ta' Jannar 2006.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar it-13 ta' Diċembru 2005.

*Għall-Kummissjoni  
Gunter VERHEUGEN  
Vicċi-President*

## ANNESS I

**Kwota tariffarja applikabbi ma' l-importazzjoni fil-Komunità ta' oġġetti li ġejjin min-Norveġia**

Nru ta' l-Ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodott	Kwota Annwali tal-Volum għall-2006	Rata ta' dazju applikabbi fil-limiti tal-kwota	Rata ta' dazju applikabbi 'l fuq mill-volum tal-kwota
09.0709	2202 10 00	— Ilma, inkluż ilma minerali u ilma ossiġenat, li fih miżjud iz-zokkor jew sustanza li żżid il-ħlewwa oħra, jew bit-togħma	15,73 Miljun litri	Eżenzjoni	€ 0,047/litru
	Ex 2202 90 10	xarbiet mhux alkoħoliċi oħra li fihom iz-zokkor (sukrożju jew zokkor invertit)			

## ANNESS II

Ċertifikat għad-dħul fil-Komunità b'eżenzjoni mid-dazju ta' tipi ta' ilma kklassifikati taħt il-Kodiċi NM  
2202 10 00 u ex 2202 90 10

1. Esportatur (isem, indirizz sħiħ)		2. Nru tal-ħruġ	ORIĠINALI
3. Destinatarju (isem, indirizz sħiħ)		<b>ĊERTIFIKAT</b> għad-dħul fil-Komunità b'eżenzjoni mid-dazju ta' tipi ta' ilma kklassifikati taħt il-Kodiċi NM 2202 10 00 u ex 2202 90 10	
4. Numru u data tal-fattura	5. Pajjiż ta' l-oriġini <b>IN-NORVEĠJA</b>	6. L-Istat Membru tad-destinazzjoni	
<b>IMPORTANTI</b> Fil-waqt li l-prodott ikun qed jiddaħħal għall-moviment ħieles, irid jiġi ppreżentat lill-uffiċċju doganali fil-Komunità l-oriġinal taċ-ċertifikat, u fejn huwa xieraq kopja tiegħu.			
7. Kodiċi NM (10 numri)			
8. Marki, numri, għadd u tip ta' pakketti fil-kwantità esportata		9. Volum (litri)	
10. B'DAN QED JIġi ĊĊERTIFIKAT li d-dettalji mogħtija hawn fuq huma korretti u jikkonformaw mal-Ftehim fil-Forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea, minn naħħa, u r-Renju tan-Norveġja, min-naħħa l-oħra, dwar Protokoll 2 tal-Ftehim Bilaterali dwar il-Kummerċ Ħieles bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja			
		Post: Oslo	2006 xx
		Sena	Xahar xx
11. Aġenzija tal-ħruġ L-Awtorită Norveġiża ta' l-Agrikoltura Postboks 8140 Dep. N-0033 Oslo, In-Norveġja		(Firma u t-timbru ta' l-aġenzija tal-ħruġ)	